**MINUTI**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

# Laqgħa Nru. 59/2016

Data: 10 t' Ottubru 2016

Hin: 6.30 pm

Post: Uffiċċju Amministrattiv Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera

| | | | |
|---|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sinj. Elizabeth Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsillier |
| | ~~Is-Sur Darren Carabott~~ | - | ~~Kunsillier~~ |
| | ~~Is-Sur Horace Anastasi~~ | - | ~~Kunsillier~~ |
| | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Segretarju Eżekuttiv |
| | Is-Sur Gianluca Falzon | – | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |
| Skużati: | Is-Sur Darren Carabott | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Horace Anastasi | - | Kunsillier |
| Assenti: | | | |

## AĠENDA

### 1. Talba

Is-Sindku nforma lill-Membri li l-Kunsill irċieva *email* mingħand is-Sur Horace Anastasi sabiex ikun skużat. Is-Sur Carabott huwa skużat ukoll peress li huwa msiefer.

### 2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;

Il-Minuti tal-58 Laqgħa ttieħdu bħala moqrija

### 2.1 Korrezzjoni tal-Minuti tal-58 Laqgħa.

2.1.1 Minuta 3.1 titneħħa l-kelma "u" u titpoġġa ",".

2.1.2 Minuta 3.5 titneħħa l-kelma "fiżikali" u ssir "fiżika".

2.1.3 Wara Minuta 4.5 tiżdied is-sentenza: "F'dan l-istadju (7.15pm) is-Sur Jonathan Brimmer ħa postu madwar il-mejda.

2.1.4 Minuta 9.4 titneħħa l-kelma "le" u ssir "li" u "tiħi" u issir "tiġi".

2.1.5 Minuta 9.6 titneħħa l-kelma "responsabilta'" u ssir "responsabbilta'" u "jiħi" u issir "jiġi".

Il-minuti ġew approvati wara li ġew ikkoreġuti

## 3. Affarijiet li jitqajmu mill-Minuti

3.1 Minuta 3.1 – Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill inħarġu 2 tenders bl-EPPS dak tal-Ġbir tal-Iskart u dak tas-Servizz tal-Accountant. Huwa kompla billi qali li dawn jieħdu ħafna ħin sabiex ikunu imtella' fuq din is-sistema l-ġdida u qiegħed ikun ippjanat li fil-ġimgħat li ġejjin ser jinħarġu 2 tenders oħra dak tal-Knis kif ukoll dak tal-proġett tal-Palazz l-Aħmar.

3.2 Minuta 3.3 - Is-Sindku qal li kif nfurmana d-Dipartiment huwa ser jinforma lill-membri f'kull Laqgħa tal-Kunsill lis-Sur Carabott huwa skużat. Huwa qal li kif kien qal f'Laqgħa preċedenti m'ghandu l-ebda problema lis-Sur Carabott ser ikun skużat sa Frar 2017 mil-laqgħat tal-Kunsill minħabba l-impenji ta' studju fejn f'dan iż-żmien is-Sur Carabott ser ikun imsiefer iżda l-Kunsill irid jimxi skont il-providiment tal-liġi.

3.3 Minuta 3.7 - Is-Sindku talab lill-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ lis-Sur Gianluca Falzon sabiex fuq il-mejda tal-kamra jpoġġi l-applikazzjoni tal-proġett tar-restawr tal-Iskudett li hemm fi Triq Misraħ il-Barrieri mal-entratura tal-Ġnien Romeo Romano. Saret referenza ukoll għal fatt fejn ġie nnutat li l-prezz mill-kwotazzjoni oriġinali ġie varat b'aktar minn nofs u għaldaqstant intalbet spjegazzjoni.

3.4 Minuta 4.4 – Is-Sindku nforma lill-Membri li l-applkazzjoni tat-titqiba stagjonali hija miftuħa u t-titqiba ser tingħata fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum fit-8 u 10 ta' Novembru, 2016.

3.5 Minuta 7(a) – Is-Sindku nforma lill-membri li kif kien qal qabel din it-tender ħarġet u ser tagħlaq nhar it-Tnejn 7 ta' Novembru 2016. Huwa kompla billi qal li huwa ppjanat li l-Bord tal-Aġġudikazzjoni ser jiltaqa' dakinhar stess sabiex t-tender ikun aġġudikat u rakkomandat u dan minħabba li il-kuntratt eżistenti jagħlaq fit-30 ta' Novembru, 2016. Ġie rrimarkat ukoll il-fatt li l-kuntrattur attwali b'permezz ta' kwotazzjoni talab li wara t-30 ta' Novembru 2016 is-servizz jofrieh b'€2,000 iktar – xi ħaġa li l-Kunsill Lokali qatt ma seta jaċċetta.

3.6 Minuta 7(b) – Is-Sindku qal li l-attivita b'risq l-Anzjani li saret fit-2 t'Ottubru u irringrazzja lis-Sur Mangani tas-sehem tiegħu sabiex din l-attivita' kienet waħda ta' suċċess.

3.7 Minuta 7(c) – Is-Sindku nforma lill-Membri li l-preparazzjoni tal-attivita' b'risq l-ALS huma mexjin u huwa konfermat li din l-attivita ser issir ġewwa il-Kulleġġ ta' Saint Elias is-Sibt 19 ta' Novembru, 2016. Is-Sindku qal li l-biljetti jistgħu jinġabru mill-Kunsill jew inkella mingħand l-organizzaturi.

F'dan l-istadju (6.50pm) wasal wieħed mill-membri is-Sur Jonathan Brimmer.

3.8 Minuta 9.4 – Is-Sindku nofrma lill-Membri li dwar il-permess PA4885/15 għadhom għaddejjin laqgħat mal-Avukat tal-Kunsill u hemm ċans li dan il-każ jittieħed quddiem il-Qrati Maltin. Is-Sindku kompla billi nforma lill-membri li matul-il-ġranet li ġejjin ser jinfurmhom x'ser ikun ser isir.

3.9 Is-Sindku staqsa lis-Sur Brimmer jekk kienx hemm xi pjanar dwar l-attivita tal-Ħarsien tal-Annimali. Is-Sur Brimmer qal li minħabba l-impenji tiegħu fuq il-kompetizzjoni tal-presepji m'għandux biżżejjed ħin sabiex norganizza din l-attivita'. F'dan ir-rigward ġie deċiż sabien din l-attivita' tal-Ħarsien tal-Annimali issir is-sena id-dieħla u jerġa jieħu ħsiebha s-Sur Darren Carabott.

## 4 Korrispondenza

4.1 Is-Sindku nforma lill-membri dwar korrispondenza fejn il-Wasteserv bagħtu xi tagħrif għar-rigward Inizzjativa li qed tkun mħeġġa sabiex il-kunsilli jippartecipaw fiha, matul avveniment annwali li ser ikun qiegħed sir madwar l-Ewropa kollha, nkluz f'pajjizna. Din l-inizzjattivi hija kemm Edukattiva kif wkoll għall-ħarsien ta l-ambjent u b'hekk nippartecipaw fl-inizzjattiva l-EWWR 2016.

4.2 Is-Sindku nforma lill-membri dwar il-Fun Run b'risq il-Community Chest Fund li ser tkun il-Ħadd 6 ta' Novembru, 2016 u bħal kull sena rotta minnhom tibda minn quddiem il-Kunsill. F'dan ir-rigward is-Sindku ssuġġerixxa sabiex bħas-sena preċedenti l-Kunsill jipprepara b'€500 bżieżaq sabiex jitqassmu f'din l-attivita organizzata mill-President ta' Malta.

Il-Membri qablu unanimament.

4.3 Is-Sindku informa lill-membri dwar korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand il-kap tal-iskola is-Sur Savoiur Sammut sabiex jinbidlu tabelli ezistenti biex ma jipparkjawx karozzi waqt id-dħul u l-ħruġ tat-tfal mill-iskola fis-sajf bejn is-7.30 am u 1.00 pm u fix-xitwa bejn 7.30 am u 3.00 pm. Is-Sindku qal li diġa' kienu bdew diskussjonijiet mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni, Transport Malta u l-Pulizija dwar din il-materja sabiex ikun modifikat il-parapett tal-iskola għaliex ma jistax ikun lir-residenti ma jkunux jistgħu jidħlu fi djarhom apparti l-perikli esposti għal istess tfal. F'dan ir-rigward is-Sindku qal li l-Kunsill ma jistax jilqa' din it-talba.

Il-Membri qablu unanimament.

4.4 Is-Sindku nforma lill-membri dwar il-korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand il-Kappillan sabiex il-Kunsill ikun parteċipi f'żewġ attivitajiet prinċipali li ser ikunu organizzati matul is-sena dak tal-presepju ħaj li jsir fi żmien il-Milied u għad-Dramm tal-Ġimgħa Mqaddsa li jsir fi żmien

il-Ġimgħa l-Kbira. F'dan ir-rigward is-Sindku talab lis-Sur Silvio Vella sabiex jagħmel laqgħa mal-istess għażagħ ħalli naraw kif nistgħu nikkordinaw flimkien.

Il-Membri qablu unanimament.

## 5 Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni

Il-pagamenti flimkien mal-petty cash ġew diskussi w approvati unanimament mill-membri kollha wara li ġew ikkoreġuti.

## 6 Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 72 sa lment numru 88.

| | |
|---|---|
| 89 | Ma tistax issir |
| 90 | Ħaddiema Assenjati |
| 91 | Jintbgħat reminder lis-sidien tal-garaxxijiet |
| 92 | Pulizija |
| 93 | Issir applikazzjoni mal-Enemalta (dejjem jekk tista ssir) |
| 94 | Tintbagħat ittra |
| 95 | Ma jistgħux issiru iktar milli hemm diġa |
| 96 | Tinħareġ WO lill-ħaddied |
| 97 | B Grima & Sons |
| 98 | Inġibu kwotazzjoni |
| 99 | Xogħol sar |
| 100 | Ma tistax issir |
| 101 | Mica Med |
| 102 | Ma tistax issir |
| 103 | B Grima & Sons |
| 104 | Tintbagħat ittra |
| 105 | Work Order |
| 106 | Central Asphalt |
| 107 | Ma tistax issir |
| 108 | Ħaddiema Assenjati |
| 109 | Ma tistax issir skip fi triq privata |
| 110 | Ħaddiema Assenjati |

## 7 Ordnijiet tal-ġurnata

### 7(a) Rendikont Finanzjarju Lulju 2016 – Settembru 2016

Is-Sur Christian Farrugia spjega fid-dettal ir-rendikont finanzjarju bejn Lulju u Settembru 2016.

Il-Membri tal-Kunsill qablu unanimament

**7(b) Ġieħ Santa Venera 2016**

Is-Sindku nforma lill-membri li f'Jum Santa Venera ser tiġi ċċelebrata quddiesa fil-Knisja l-Matriċi fis-6pm. Is-Sindku kompla billi nforma lill-membri li l-preżentazzjoni tal-Ġieħ ser issr 14 ta' Novembru fis-7.15 pm fis-sala tad-Dar Qalb ta' Gesu' minħabba l-fatt li f'Dar Ħanin Samaritan ma ġietx aċċettata it-talba tal-Kunsill sabiex issir il-preżentazzjoni tal-Ġieħ.

Is-Sindku nforma lill membri li bħas-sena l-oħra wara li jingħata l-Gieħ Santa Venera ikun hemm bibita. Is-Sindku kompla billi nforma lill-membri li l-Kunsill ser jieħu ħsieb il-kiri tas-sala, Vjolinista, Grecia Bezzina, fotografu, token għar-rebbieħ u n-nominati, l-ikel u x-xorb, l-pin tal-pavru għar-rebbieħ u l-fjuri.

Is-Sur Jason Mangani ssekonda l-proposta tas-Sindku filwaqt li l-membri l-oħra qablu unanimament.

Is-Sindku fakkar li Jum it-Tifkira ser tkun iċċelebrata l-Ħadd 13 ta' Novembru, 2016 fejn wara ser jitpoġġa rand quddiem il-lapida li tfakkar lill-vittmi tal-Gwere bi preżentazzjoni qasira.

Il-Membri qablu unanimament.

**Ġieħ Santa Venera 2016**

Is-Segretarju ppreżenta u qara r-rapport tal-Kumitat tal-Ġieħ lill-membri kollha. Is-Segretarju nforma lill-membri li n-nominati għall-Ġieħ Santa Venera 2015 huma s-Sur Charlie Farrugia, Is-Sur Bjorn Formosa, Is-Sur Alfred Cachia, il-Kor ta' Santa Venera u is-Sur Kyle Darmanin. Is-Segretarju informa lil kulħadd li wara li saret analiżi skont il-linji gwida, il-Kumitat b'mod unanimu qiegħed jirrakomanda lis-Sur Bjorn Formosa sabiex ikun hu r-rebbieħ ta' Ġieħ Santa Venera 2016.

Il-Membri kollha qablu unanimament mar-rakkomandazzjoni.

**7(c) Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv**

Is-Sindku stieden lis-Segretarju Eżekuttiv iressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-rapport tal-Kumitat tal-Għażla, fil-proċess ta' selezzjoni għall-post ta' Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill. Huwa fisser li l-Kunsill kien irċieva tlettax (13) -il applikazzjoni sad-data tal-għeluq.

Minn dawn l-applikazzjonijiet kien hemm erba' (4) applikanti li ma kienux eleġibbli minħabba li la kienu diġa Segretarji Eżekuttivi u lanqas persuni li kkwalifikaw bħala Segretarji Eżekuttivi prospettivi, u li huma fil-lista uffiċjali.

Il-Bord tal-Għażla ltaqa', skont kif hemm fil-linji gwida maħruġa mal-Memo 4/2012, u wara li ra l-applikazzjonijiet informa lill-kandidati bid-deċiżjoni tal-Bord, filwaqt li nhar 1 ta' Settembru, 2016 l-Bord iltaqa' għall-*interview* mad-disa' kandidati eleġibbli peress li kien hemm kandidata li ma baqgħetx interessata filwaqt żewġ kandidati li ma attendewx għall-intervista imma infurmaw lis-Segretarju li ma setgħux jattendu.

Is-Segretarju Eżekuttiv qara r-rapport tal-Kumitat tal-Għażla dwar l-*interviews*, flimkien mar-rapport dwar il-proċess tas-selezzjoni, u r-rapport tal-Lista Pubblika tar-Riżultati. Huwa fisser li l-Bord tal-Għażla mexa fuq erba' kriterji fil-proċess tas-selezzjoni tal-kandidati fejn is-Sinjura Yvonne Spiteri ġiet l-ewwel. Il-Bord tal-Għażla jinnota l-kapaċitajiet individwali tal-kandidati, u wasal għal dik id-deċiżjoni fuq il-merti u l-kapaċitajiet ta' kull kandidat.

Is-Sindku għalhekk ippropona li dan ir-rapport flimkien mad-dokumenti kollha tal-Bord tal-Għażla għall-approvazzjoni.

"Nipproponi li l-Kunsill jikkonsidra r-rikmandazzjonijiet u japprova l-għażla tal-Bord jiġifieri li s-Sinjura Yvonne Spiteri tinħatar Segretarju Eżekuttiv."

Il-Kunsillier is-Sur Silvio Vella ssekonda. Il-Vot favur kien wieħed unanimu

**7(d) Attivitajiet għal Diċembru 2016**

Is-Sindku nforma lill-membri li fi żmien il-Milied, fis-17 ta'Diċembru, għandu il-ħsieb li jittella kuncert tal-Milied bil-parteċipazzjoni ta' kor lokali. Huwa nforma lis-Sur Silvio Vella sabiex jikkordina laqgħa mal-Kappillan tal-Parroċċa sabiex tiġi diskussa din il-materja.

Is-Sindku talab lis-Sur Jonathan Brimmer sabiex jinforma lill-membri dwar il-kompetizzjoni tal-Presepju tal-Milied. Is-Sur Brimmer nforma lill-membri li hu flimkien mal-Mro Raymond Attard fasslu sett ta' termini u kundizzjonijiet għal din il-kompetizzjoni. Is-Sur Brimmer issuġġerixxa sabiex Mro. Attard jkun responsabbli wkoll mit-twaqqif ta' Kumitat tal-Ġurija.

Is-Sindku ssuġġerixxa ukoll sabiex din is-sena tinġieb il-Banda ta' Santa Venera għal marċi relatati mal-Milied sabiex iduru mat-toroq Vendriżi. Aktar dettalji jingħataw fil-laqgħa li jmiss.

Il-Membri tal-Kunsill qablu unanimament

## 8 Minuti ta' Kumitati/Sotto Kumitati;

8.1 Ma kienux preżentati l-ebda minuti ta' Kumitati jew Sotto Kumitati.

## 9 Kommunikazzjoni mis-Sindku

9.1 Is-Sindku nforma lill-Membri li l-Laqgħa tal-Lokalita' ser issir il-Ħadd 27 ta' Novembru, 2016 fid-9 ta' filgħodu fil-bini Amministrattiv tal-Kunsill.

9.2 Is-Sindku nforma lill-membri li ircieva kommunikazzjoni mingħand Projects Malta li parti minn Santa Venera ser tkun qed tagħmel parti mill-Imrieħel bid-differenza li dik iż-żona ser ikollha servizz addizzjonali ta' tindif mingħajr ma jixxekkel dak eżistenti.

9.3 Is-Sindku rrimarka li jeħtieġ li jinġiebu kwotazzjonijiet għal CCTVs mingħand PTL Ltd tal-Marsa li mir-riklami li ġabu deher li għandhom prezzijiet kompettitivi.

## 10. Aġġornament

10.1 Il-Laqgħa tal-Kunsill ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 10 ta' Novembru, 2016 fil-6.30 ta' filgħaxija b'aġenda li tkun ikkomunikata aktar tard.

10.2 Il-laqgħa ntemmet fit-8.40 ta' filgħaxija.

***Stephen Sultana***
*Sindku*

***Michael Mifsud***
*Segretarju Eżekuttiv*

**Data:** 10/11/2016